## PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT
Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net
Website : www.sannatparish.com


**IL-ĦADD, 3.1.2010 : SOLENNITA' TAL-EPIFANIJA TAL-MULEJ.**
Illum wara l-quddiesa ta' l-10.30a.m. ikun hawn ftit ħin ta' adorazzjoni biex fuq l-eżempju tal-Maġi naduraw lis-Sultan imwieled għalina.

**IT-TNEJN, 4.1.10:** L-Ewwel Tnejn tax-Xahar
F'nofs inhar ikun hemm il-quddiesa fiċ-Ċimiterju.
**Fis-6.30p.m.** se nagħmlu ħarġa għall-membri kollha tal-Kor tal-Kbar. Ix-xarabank titlaq mill-Pjazza tal-knisja fis-6.30p.m.

**IT-TLIETA, 5.1.10: Fis-6.30p.m.** Laqgħa tal-Grupp tal-Kelma ta' Alla. (**Lectio Divina**). Din tkun fis-salta tad-Dar Parrokkjali.

**L-ERBGĦA, 6.1.10: LAQGĦA TA' TALB TA' L-IRĠIEL**
**Fis-6.30p.m.** Se ssir laqgħa oħra ta' talb għall-Irġiel kollha, quddiem Ġesu' Ewkaristija.
Din tkun fil-knisja wara l-quddiesa ta' filgħaxija.
Nagħmel stedina biex mal-bidu tas-Sena l-Ġdida iktar irġiel jiġu jieħdu sehem f'dawn il-laqgħat.

**IL-ĦAMIS, 7.1.10:** L-Ewwel Ħamis tax-Xahar.
**Fis-6.00p.m.** is-saċerdoti tal-parroċċa jikkonċelebraw flimkien biex ifakkru t-twaqqif tas-Saċerdozju u ta' l-Ewkaristija. Waqt din il-konċelebrazzjoni jsir talb bis-salmi flimkien mal-komunita'.
Illum nerġgħu nibdew id-Duttrina għat-tfal.

**IS-SIBT, 9.1.10: KORS GĦALL-GĦARAJJES.**
Illum fil-parroċċa se jibda l-Kors bi tħejjija għaż-żwieġ għall-Għarajjes. Dan ikun fis-sala tad-Dar Parrokkjali. Il-Ħin ikun **fis-6.45p.m.**
Infakkar lill-Għarajjes kollha li qabel jiżżewġu jridu jkunu għamlu l-Korsijiet kemm dawk tal-Parroċċa u anke dak organizzat mill-Moviment ta' Kana.
**Fis-6.45p.m.** se jsir High Tea fid-Dar il-Ġdida tal-Parroċċa organizzat mill-Parroċċa.

**IL-ĦADD, 10.1.10: FESTA TAL-MAGĦMUDIJA TAL-MULEJ**
Fil-quddiesa jsir t-tiġdid tal-Wegħdiet tal-Magħmudija .
**Fil-10.30a.m**. quddiesa li fiha jiġi amministrat is-Sagrament tal-Magħmudija.

**FESTA TAT=TFAL GĦALL-MISSJONI**
Nhar is-Sibt, 2 ta' Jannar nagħmlu l-festa tat-Tfal għall-Missjoni (Is-Santa Infanzja) It-Tfal iġibu offerta ta' flus għat-tfal tal-Missjoni.

**GĦOTI TAD-DEMM**
Nhar il-Ħadd, **3 ta' Jannar** Iċ-Ċentru ta' l-Għoti tad-Demm fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex se jkun miftuh bejn it-8.00a.m. u is-1.00p.m. għal min jixtieq jagħti d-demm. Min imur huwa mitluba li jieħu miegħu l-Karta ta' l-Identita'.
Għotja tad-demm fil-bidu tas-sena titqies bħala strina lil tant persuni li għandhom bżonnu.

**AVVIŻ TAL-KUNSILL LOKALI**
Il-Kunsill Lokali Sannat javża lil dawk l-Anzjani li ma' rċevewx ir-rigal meta dan tqassam, jista' jiġbru mill-Uffiċċju tal-Kunsill sa mhux iktar tard mill-Ġimgħa d-dieħla.

**BDIET IS-SENA L-ĠDIDA**
Mal-bidu tas-sena l-ġdida ddeċdejt li tibda xi ħaġa ġdida ?
Per eżempju:
- Tieħu sehem fil-quddiesa ta' kuljum
- Tqerr u titqarben iktar ta' spiss
- Tattendi f'xi Għaqda jew għal-laqgħat li jsiru.
- Tgħin f'xi attivita' li torganizza l-parroċċa.

Agħmel xi ħaġa ġdida ta' ġid għalik u għall-proxxmu